# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 24 t'April tas-sena 2001.**

**Numru 30**

**Avviz numru 1643/00/SM**

**Middle Sea Insurance p.l.c. kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Norman Saliba sija bil-polza u sija bil-ligi.**

**vs**

**Carmelo Ciantar**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat is-27 ta' Novembru tas-sena 2000 li permezz tieghu sejhet lill-konvenut fuq indikat quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:**

1. **Ihallas is-somma ta' seba' mija u disgha u sittin lira Maltin u tlieta u erbghin centezmu (LM769.43,0) flus zborzati mill-attur nomine in linea ta' danni sabiex tissewwa l-vettura numru NOR 660 assikurata mal-attur nomine li fit-12 ta' Marzu 1999 kienet misjuqa mill-assikurat tal-attur**

**nomine hdejn il-Mediterranean Conference Centre, Valletta, u kienet involuta f'incident stradali meta sfat milquta minn vettura numru AAV 018 misjuqa mill-konvenut li ghamel manuvra ta' "overtaking" u qasam "wrong side" u liema incident stradali gara b'imperitia, traskuragni u b'nuqqas ta' osservazzjoni tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut;**

2. **Bl-imghaxijiet legali minn notifika tal-ittra ufficcjali tat-12 ta' Lulju 1999 u bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficcjali tat-12 ta' Lulju 1999 kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni;**

**Semghet ix-xiehda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Ikkunsidrat:**

**Illi a basi tad-deposizzjoni guramentata tal-konvenut li iddikjara li kien hu li kien responsabbli ghall-kollizjoni meritu ta' din il-kawza;**

**Illi l-hsarat sofferti mis-socjeta' attrici jirrizultaw debitament ipprovati;**

**Illi effettivament, il-konvenut ghalkemm refa' ir-responsabbilita' ta' l-akkadut, pero' xorta wahda ghadu ma' ghamilx tajjeb ghad-danni li hu ikkaguna;**

**Ghaldaqstant, din il-qorti tiddeciedi li ghar-ragunijiet fuq esposti tilqa' it-talbiet attrici kontra l-konvenut fuq indikat, bl-ispejjez u bl-imaghaxijiet kif mitluba.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**